26 ta' Jannar 2018
16/2018

# ĦTIEĠA TA' *MASTERPLAN* GĦALL-MARSA U Ż-ŻONA TAL-PORT IL-KBIR

## STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) tagħraf l-opportunitajiet u, fl-istess ħin, l-isfidi li qed tiffaċċja ż-żona tal-port, l-aktar il-Marsa. Għaldaqstant, tissuġġerixxi li tiġi adottata viżjoni aġġornata u li jsir *masterplan* ibbażat fuq proċess serju ta' konsultazzjoni pubblika għal din iż-żona. Dan għandu jwassal lil dawn l-inħawi biex jilħqu l-potenzjal tagħhom b'mezzi li jkunu sostenibbli mill-aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiku, fl-aħjar interess ta' kulħadd.

Matul it-tieni nofs tas-seklu għoxrin, bosta kienu jqisu dawn l-inħawi bħala waħda miż-żoni l-aktar imniġġsa ta' pajjiżna. Aktar ma naqset l-attività kummerċjali madwar it-Tarzna, bl-għeluq tal-Marsa Shipbuilding u, aktar riċenti, tal-power station l-antika, fiġġew possibiltajiet għal trasformazzjoni kbira tal-inħawi. Din tista' tieħu bixriet differenti. Uħud minn dawn iwasslu għal soċjetà aktar ġusta, għax ibbażati fuq ekonomija b'saħħitha u sostenibbli, responsabbiltà ambjentali u kuxjenza favur il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet futuri. Iżda din il-bidla tista' wkoll tieħu xejra anqas mixtieqa, għax id-direzzjoni li tieħu jkollha warajha biss interessi finanzjari immedjati. Il-Marsa u, fl-aħħar mill-aħħar, iż-żona tal-port kollha, tinsab f'salib it-toroq!

Din iż-żona għandha potenzjal qawwi ħafna li tiġi riġenerata b'mod kreattiv. Kemm il-Power Station tal-Marsa kif ukoll il-Marsa Shipbuilding kienu jokkupaw parti sostanzjali mill-kosta tal-inħawi. Din hija mgħammra bi plieri u faċilitajiet għall-irmiġġ li huma propjetà pubblika imprezzabbli. It-tnaqqis fil-kwantità ta' tniġġis wara li waqfu joperaw dawn iż-żewġ industriji, ta tama ġdida li issa l-ambjent fl-inħawi jkun aktar nadif.

Madankollu, xi deċiżjonijiet kruċjali li diġà ttieħdu, iqanqlu tħassib serju. Li messu sar fil-bidu nett huwa pjan serju ta' x'kellu jsir u kif kellhom jimxu l-affarijiet. Dan minflok ma saru pjanijiet li ma jidhirx li kienu jħarsu fil-bogħod, u li ma kienu jagħtu ebda ħjiel ta' viżjoni dwar l-aħjar mod kif kellhom jiġu rijabilitati l-inħawi. Bħala eżempju nistgħu nsemmu t-twaqqiegħ tat-*turbine hall* prinċipali tal-Power Station B. Minkejja l-appelli kollha li saru biex tiġi ppreservata bħala wirt industrijali ta' importanza kbira għal pajjiżna, din il-binja twaqqgħet

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

mingħajr ma saret ebda konsultazzjoni jew diskussjoni fuq il-ġejjieni tas-sit. Fl-istess ħin, l-indikazzjoni li ser tibda ssir manutenzjoni tar-riggijiet taż-żejt jidher li qed toħloq inkonvenjent lir-residenti tal-Isla. Min-naħa l-oħra rridu noqogħdu attenti li l-proġett tal-*junction* qrib iċ-Ċimiterju tal-Addolorata mhux biss ma jkollux impatt negattiv fuq id-dehra ta' dan il-ġojjell tal-arkitettura Neo-Gotika f'pajjiżna, imma ma jitfax lir-reġjun f'getto li jkompli jżid l-iżolament u jagħti timbru negattiv lill-Marsa.

Il-KA temmen li l-ippjanar f'pajjiżna jeħtieġ jirrifletti l-prijorità li l-ġid komuni għandu jkollu fit-tfassil ta' *public policy*. M'għandu qatt jitħalla jiġri li, waqt li tingħata l-impressjoni li l-ħarsien tal-ġid komuni qed jitpoġġa l-ewwel, fil-verità jkunu qabel xejn qed jiġu moqdija l-interessi tal-ftit.

Il-KA tagħraf il-valur kbir taż-żona tal-Marsa u tħoss li għandha ħafna x'toffri, hekk li tkun ħasra li l-potenzjal li għandha ma jiġix apprezzat minn kulħadd. Meta wieħed iqis kemm hi qrib tal-Belt Valletta, u l-importanza li din issa għandha bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura (bl-istima għolja li, nittamaw, il-Belt tibqa' tgawdi għal żmien twil), l-iżvilupp xieraq u bil-għaqal fl-inħawi kollha tal-port isir prijorità assoluta. Huwa sewwasew għalhekk li jrid ikollna viżjoni ċara u pjan imsejjes fuq proċess serju ta' konsultazzjoni, li fuq kollox iħares l-interess pubbliku. Nistgħu, jekk tassew irridu, jkollna l-viżjoni meħtieġa li tibdel din il-parti ta' gżiritna f'waħda li tiġbed l-ammirazzjoni u l-istima ta' kulħadd, b'irqajja ta' ħdura li jsaffu l-arja, ix-xatt li jista' jinbidel f'lok ta' rilassament għall-pubbliku, u żona li toffri opportunità ta' residenza diċenti bi prezzijiet li jista' jilħaqhom kulħadd.

Fit-tħejjija għall-*masterplan*, ta' min jirreferi għall-proġetti li kienu ħadmu fuqhom fl-2016 l-istudenti tal-arkitettura u l-inġinerija fil-Fakultà tal-Ambjent Mibni fl-Università ta' Malta, u li juru l-viżjoni tal-istudenti għall-ġejjieni tal-inħawi msemmija.[1]

Il-Kummissjoni Ambjent temmen li, wara snin twal ibatu l-konsegwenzi ta' deċiżjonijiet mhux sostenibbli li ħallew u għadhom iħallu effetti negattivi fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom, ir-residenti ta' din iż-żona ħaqqhom jaraw żvilupp serju li jkun jagħmlilhom ġieħ, u li minnu jibbenefika l-pajjiż kollu. Bla ebda dubju, żvilupp ta' dan it-tip ikun qed jirrifletti l-ħsieb tal-Gvern fir-riġenerazzjoni tan-naħa ta' isfel ta' Malta.

---

1 https://www.tvm.com.mt/mt/news/studenti-universitarji-jimmaginaw-kif-tista-tkun-il-marsa-fl-2050

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**